MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2003

Numru 702/2000

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**REGINALD BUGEJA.**

**Illum 20 ta' Jannar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Reginald Bugeja ta’ 30 sena, iben Paul u Maria Dolores nee’ Hole, imwieled tal-Pieta’ fil-5 ta’ Novembru 1972, residenti fl-indirizz 26, Triq il-Kullegg, Rabat (Malta) detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 505272 M;

Talli fil-15 ta’ Settembru 2000 ghall-habta tal-11.30 ta’ filghodu fil-Hamrun, ikkommetta serq ta’ stereo tal-marka Clarion li jiswa

aktar minn mitt lira maltin (Lm100) izda mhux aktar minn elf lira maltin (Lm1000), minn vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni EVE 106 ghad-detriment ta’ Christopher Delia mis-Siggiewi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur u x-xorta tal-haga misruqa.

Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni EVE 106, liema hsara tiskorri il-hamsin lira maltin (Lm50) izda mhux il-hames mitt lira maltin (Lm500), ghad-detriment ta’ l-istess Christopher Delia.

Kif ukoll talli b’hekk jitqies li sar recediv, wara li gie kkundannat ghal reati b’diversi sentenzi mill-Qrati tal-Magistrati li saru definittivi.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 271, 325, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi Reginald Bugeja hati ta' kif akkuzat.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat tad-difiza Dr. Edward Gatt u l-parir ta' Marietta Lanzon, li hija l-probation officer ta' l-istess imputat, temmen illi piena karcerarja f'dan il-kaz mhuwiex necessarju, stante li l-imputat qieghed juri r-rieda qawwija illi jirriforma ruhu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, u wara l-intervent ta' l-istess Marietta Lanzon, din il-Qorti filwaqt illi qeghda a tenur ta' l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-istess Reginald Bugeja, sabiex ihallas l-ispejjez minnhu kagunati fil-vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni EVE 106, u wara illi tawtorizza lill-istess Prosekuzzjoni sabiex tikkonsenja lura l-istereo tal-marka Clarion lill-propjetarju Christopher Delia, qeghda tillibera lill-imputat bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------